KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483

Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

---

## Mozzjonijiet – Laqgħa Nru 37 - 07

Sinjuri, dawn huma il-Mozzjonijiet li waslu fl-uffiċju sad-data tal-għeluq skond Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7, u li ser jitressqu waqt il-laqgħa Nru 37 - 07

### MOZZJONI NUMRU 1

Ir-riġenerazzjoni tal-Floriana hija problema kbira li jiffaċċja l-Kunsill li għandhu jagħmel minn kollox biex jikkonfrontha.
Il-Kunsill għandu obbligu li jmur quddiem il-Parlament fil-bidu ta' din il-leġiżlatura l-ġdida u jitlob sabiex il-Parlament jiġi konxju b' dan.
Dan billi nipproponi li l-Kunsill jagħmel kuntatt mad-Deputati kollha tal-Ewwel Distrett taż-żewġ naħat tal-Kamra, biex ikunu huma li jqajjmu dan f'isem il-Floriana u ċ-ċittadini li huma stess jirrappreżentaw.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

### MOZZJONI NUMRU 2

Sar magħruf minn bosta residenti tal-Housing Estate li qed ikun hemm nies li mhumiex residenti hemm, li qed joħolqu storbju li jtellifhom.

Nipproponi għalhekk li għandhom jitwaħħlu sinjali bil-kliem "Please respect the residents" u "Ġib rispett lir-residenti" sabiex l-istorbju jkun jista' jiġi kkontrollat.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

### MOZZJONI NUMRU 3

Lkoll konxji kemm turisti jilqgħa l-Waterfront.

Għalhekk qed nipproponi li tiġi nstallata mappa tal-lokalità tal-Floriana mal-Waterfront sabiex faċilment dawn it-turisti permezz ta' din il-mappa flimkien mal-informazzjoni li jkun magħha stess, ikunu konxji ta' x' toffri l-Floriana.
Qabel xejn pero' dan is-suġġeriment għandu jkun diskuss mal-entità privata responsabbli għat-tmexxija tal-Waterfront.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

*M'Lourdes Lautier*
Segretarju Eżekuttiv